MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 201/2013

**Appell Numru: 201/2013**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Kenneth Borg**

Illum, 14 ta' Novembru, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Kenneth Borg detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 153474M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fl-4 ta' Ottubru, 2012, ghall-habta tal-05.30pm fi Triq il-Vitorja, Qormi:
1. Permezz ta' network jew appartat tat-telekomunikazzjoni elettronika ghamilt uzu mhux xieraq bih.
2. U aktar talli ikkaguna biza` lil Robert Zammit li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fil-25 ta' April, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 45(1)(d) tal-Kap. 399 u l-artikolu 251B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (1) u (2) jirrizultaw, artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal- zmien sena millum.

Finalment il-Qorti tat lill-imputat Kenneth Borg l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijet ta' Malta.
Rat ir-rikors tal-appell ta' Kenneth Borg minnu pprezentat fit-8 ta' Mejju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa` l-ewwel aggravju tal-appellant u tiddikjara s-sentenza appellata nulla u jekk ikun il-kaz tirrimetti lura l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawza tigi deciza skond il-ligi jew alternattivament thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza appellate u b'dana li ma ssibx lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u minnhom tilliberah biex b'hekk tillibera lill-istess appellant minn kull htija, jew alternattivament tvarja s-sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta fuq l-appellant.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

L-Ewwel Aggravju

Illi fl-umli opinjoni tal-appellant s-sentenza moghtija fil-25 ta' April, 2013, hija nulla ghas-segwenti raguni. L-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra lit kun tikkontempla r-reat.

Illi jidher car li s-sentenza appellate ma fijiex fatti li jispjegaw il-htija li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti u inoltre l-

artikolu citat mill-Qorti fis-sentenza appellate senjatament l-Artikolu 45(1)(d) tal-Kap 399 ma jezistix. Ghalhekk jirrizulta b'mod l-aktar car illi l-formalitajiet elenkati fl-artikolu 382 hawn fuq citat ma gewx sodisfatti u per konsegwenza s-sentenza appellate hija wahda nulla.

It-Tieni Aggravju

Illi hija l-fehma umli tal-appellant li l-Ewwel Qorti setghetx ragjonevolment issib htija fil-konforont tal-appellant u dan ghar-ragunijiet esposti;

Xehdu Robert Zammit u Kenneth Borg innfisu. Illi Robert Zammit fix-xhieda tieghu ghamel diversi allegazzjonijiet fuq l-appellant liema allegazzjonijiet ma gewx sostanzjati bi provi minn Robert Zammit. Illi l-parti leza fix-xhieda teighu qal ukoll li huwa joqghod gol blokka tal-flats li kien mertu tal-kwisjtoni meta mill-affidavit ta' PS539 jirrizulta illi huwa residenti 42, Tal-Pizatura, Triq il-Muskatell, Attard u li skond hu l-akkuzat kien sejjer gol-blokka flats li jinsabu Swieqi.

Illi meta xehed Kenneth Borg huwa qal illi huwa rcievha telefonat minn ufficju ta' certu Raymond Zammit u li kienet il-persuna li kienet fuq il-linja li bidet tinsulenta lill-appellant. Illi kien f'dak il-mument li l-appellant qal Raymond Zammit illi huwa ma kienx ragel peress illi ma kienx hallsu.

Illi meta wiehed jifli sew l-affidavit ta' PS539, fit-tieni paragrafu jirrizulta illi l-verzjoni tal-appellant Kenneth Borg ma ttehditx minn PS539 izda huwa gie mitkellem mill-Pulizija ta' San Giljan., Illi ghalhekk it-tieni parti tal-affidavits ma kelliex ttiehed in konsiderazzjoni peress illi hija ditto del ditto u l-Pulizija li effettivament kellem lill-appellant ma telax jixhed.

Illi l-appellant umilment jissottometti illi qatt ma seta` jinstab hat ital-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu u dana stante li kienet kunflitt ta' provi u l-versjoni tal-akkuzat kienet iktar vertiera minn tal-parti lesa.

Illi fit-tieni lok Robert Zammit qal illi huwa kien qed jibza li ssirlu vjolenza kontra l-propjeta` tieghu. Hawnhekk wiehed irid jara jekk din il-biza kienitx biza reali u jekk kienetx timponi biza vera. Illi rrizulta wkoll illi fl-ebda moment l-akkuzat ma resaq lejn il-blokka tal-flats u dan irrizulta anke mix-xhieda ta' Robert Zammit.

Illi se mai ghandu jreggi l-principju sagrosant fil-kamp kriminali illi in dubbio pro reao u mhux il-kontra, kif effettivament jidher li gara f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat.

Dan il-kawza tirrigwardja ncident illi gara fl-4 ta' Ottubru, 2012 ghall- habta ta' 5:30 pm fi Triq il-Vittorja, Hal Qormi meta saret telefonata bejn l-appellant u Dr. Robert Zammit fejn dan ta' l-ahhar allega illi l-appellant kellmu hazin u offendih u anke heddu permezz ta' din it-telefonata. L-appellant gie akkuzat illi uza apparat tat-telekomnukazzjoni mhux xieraq u aktar illi kkaguna biza' lil Dr. Robert Zammit li ser juza l-vjolenza kontrih. Permezz ta' Sentenza tal-25 ta' April, 2013 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu pero' llibieratu taht il-providimetni ta' l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien zena u mponiet garanzija personali ta' €500. L-appellant hassu aggravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell, l-ewwel agravju tieghu qieghed jirreferi ghan-nullita tas-Sentenza peress illi ma gewx osservati d-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 382 tal-Kap 9, it-tieni agravju jikkoncerna l-meritu.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-ewwel agravju l-Artiklu 382 tal-Kap 9 jiddisponi illi *"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."* L-Appellant qed jikkontendi illi l-Artiklu 45 (1) (d) tal-Kap 339 ma jezistix u b'hekk allura ma gewx osservati d-dettami ta' l-Artiklu 382 fuq imsemmi peress li l-Qorti naqset li

ssemmi l-Artiklu tal-Kodici jew ta’ kull Ligi ohra li ikkontempla r-reat.

Ikkunsidrat.

Huwa minnu illi l-Artiklu kkwotat mill-Magistrat 45 (1) (d) tal-Kap 399 ma jezistix, hu ovju illi l-Magistrat kellu jnizzel 35A tal-Kap 399. Il-Qorti tqis dan l-izball bhala lapsus tal-Magistrat illi forsi kien distratt sforz l-ghagla jew il-pressjoni ta’ xoghol anke bl-ammont ta’ kawzi u nies jistennew fl-Awla illi dak il-hin facli tiehu zball bhal dan, pero’ tajjeb jew hazin zball bhal dan dejjem gie meqjus bhala nuqqas ta’ formalita sostanzjali li jgib mieghu n-nullita tas-Sentenza appellata, hekk qalet il-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs George Camilleri tas-16 ta’ Gunju, 1995, *“L-indikazzjoni zbaljata ta’ l-Artiklu tal-Ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja gie dejjem ekkwiparat fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti ma nuqqas ta’ tali ndikazzjoni ghal finijiet ta’ l-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan in-nuqqas ta’ formalita sostanzjali li jgib bhala konsegwenza n-nullita tas-Sentenza appellata u smieh mill-gdid fil-meritu tal-kawza minn din il-Qorti mit-termini ta’ l-Artiklu 428 (3) ta’ l-imsemmi Kodici ghalhekk l-appellant ghandu ragun u l-ewwel Sentenza timmerita illi tkun revokata, pero’ f’dan il-kaz l-Qorti ser tghaddi biex tisma l-kawza mill-gdid u b’hekk ma tkunx marbuta bis-sub Artiklu (7) ta’ l-imsemmi Artiklu 428, ghalhekk din il-Qorti qieghda thassar u tirrevoka s-Sentenza appellata u ser tghaddi sabiex tiddeciedi l-kawzi mill-gdid fuq il-meritu.*

Ikkunsidrat.

Quddiem din il-Qorti xehdu kemm Dr. Robert Zammit kif ukoll l-appellant Kenneth Borg. Dr. Zammit qal illi rcieva telefonata minn ghand l-appellant illi cert li gharfu peress illi kien hemm relazzjoni kummercjali bejn l-appellant u missier Robert Zammit, Ray Zammit u l-appellant beda jkellem lil Robert Zammit hazin, jinsulentah u jheddu illi ser ikisser il-propjeta tieghu. Dr. Zammit xehed quddiem din il-Qorti fejn qal illi l-kliem u t-theddid illi beda jindirizza lejh l-appellant bezzghu il ghaliex l-appellant hu maghruf ghal bullying tieghu. Irrizulta illi dak iz-zmien l-appellant

kien qed jahdem b'xi sit ta' kostruzzjoni li kien qed jibni Ray Zammit, missier Robert, kien ghad fadal xi xoghol xi jsir izda l-appellant kien qed jilmenta illi missier Robert ma kienx hallsu ghal xi xoghol li kien ghamel u ma kienx ser jaghmel hekk jekk ma jkomplix bix-xoghol. L-appellant ippretenda illi kellu l-ewwel jithallas tax-xoghol li sar u mbaghad isir xoghol gdid, meta ra li kien hemm dan id-dizgwid l-appellant beda jirrabja, jkellem lil Robert hazin, jinsulentah, jheddu u anke qal illi kien se jmur ikisser il-propjeta ta' Zammit. Mistoqsi fejn kien jaf illi kien qed ikellem lilu u mhux lil missier, Robert Zammit wiegeb illi l-appellant kien jaf li qed ikellem lilu ghax indirizzah b'ismu. Minn nahha l-ohra l-appellant innega illi qatt kellem lil Robert Zammit, kellem lil assistent ta' missieru Mark, kien jaf li Robert huwa t-tifel ta' Ray Zammit ghax darba mar mieghu l-ufficcju ghand is-sur Zammit u ltaqa mieghu hemm. It-telefonati saru fl-istess gurnata wahda wara l-ohra, l-ewwel li cempel kien Mark u l-appellant insista illi l-ewwel jithallas tax-xoghol illi ghamel u mbaghad isir xoghol gdid. Lil Dr. Robert Zammit qatt ma kellmu, l-vucijiet jafhom sew ghax ta' sikwit ikellem lil Mark u lil Ray Zammit, dan ta' l-ahhar kien qallu li jekk ma jkomplix bix-xoghol ma jhallsux u kien ghalhekk illi l-appellant irrabja ghal dan u qal li kien sejjer jaqla' x-xoghol illi ghamel, pero' dejjem kien kellem lil missier u qatt lil Robert Zammit.

Robert Zammit pero` jinsab korroborat bl-affidavit ta' PS 539 F. Caruana illi jinsab esebit f'dawn l-Atti. L-appellant mas-surgent ikkonferma din id-diskursata u anke kkonferma wkoll li kien hedded u li kien ser ikisser il-propjeta ta' Zammit u qatt ma nnega illi kellem lil Robert Zammit. Imkien fl-affidavit ma hemm imsemi illi l-appellant qal lis-surgent illi ma kienx qed ikellem lil Robert Zammit izda lil haddiehor.

Ghalhekk il-Qorti issib illi l-verzjoni ta' Dr. Robert Zammit hija aktar veritiera u l-Qorti tinsab sodisfatta illi fil-fatt l-appellant kien cempel lil Dr. Robert Zammit, kellmu hazin, insulentah, heddu li kien sejjer ikisser il-propjeta tieghu jew ta' missieru. Din it-telefonata jew diskursata gabet biza' f'Dr. Robert Zammit li ser tintuza vjolenza kontrih jew

kontra l-propjeta tieghu. Ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha fil-grad li trid il-Ligi u l-appellant ghandu jwiegeb ghalihom.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi wara li rat l-Artiklu 35A tal-Kap 399 u l-Artiklu 251 (b) (1) issib lill-appellant Kenneth Borg hati taz-zewg akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal multa ta’ €500. In oltre wkoll wara li rat l-Artiklu 383 tal-Kap 9 torbot lil Kenneth Borg taht penali ta’ €500 ghal zmien sena li ma jimmolestax lil Dr. Robert Zammit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------